# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-21 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 348/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AC**

**Vs**

**MC**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' AC, datat 8 ta' Ottubru 2020 , a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Ottubru elf, disa' mija, tnejn u tmenin (1982) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom wild bl-isem ta' RC li twieled f'X li llum il-gurnata huwa maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija, sebgha u tmenin (1987) (Dok B);*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin;*

5. *Illi r-rikorrent ma jara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

6. *Illi ma hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u bejn l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MC, datata 26 ta' Frar 2021, a fol 20, li taqra hekk:

*`1. Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma' dak kollu dikjarat fir-rikors tar-rikorrent,*

*Ghaldaqstant l-intimata titlob illi t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha b'dan li m'ghandhiex tbati spejjez.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC** xehdet (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet izzewwgu nhar it-3 ta' Ottubru 1982, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, illum maggiorenni. Iddikjarat illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr John Cachia Zammit nhar il-5 ta' Ottubru 1987. Ikkonfermat illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum l-kontendenti dejjem ghexu separati minn xulxin u llum il-gurnata ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni. Finalment xehdet illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**AC** xehed (vide affidavit fol 27) u kkonferma dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Ottubru 1982, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1973/1982 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 5). Minn dan iz-

zwieg kellhom tifel, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat nhar il-5 ta' Ottubru 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit (vide Dok B, a fol 5A et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal ferm aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Gie sodisfacenement pprovat li ma hemm ebda kwistjoni dwar arretrati ta' manteniment bejn il-partijet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1973/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**